MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 620/1999/1

**Vanessa Mercieca mart Emil Moukarzel**

**Vs**

**Emil Moukarzel**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut fir-Registru taz-Zwieg f'Malta, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni elf tmien mija u sitta u disghin ta' l-istess sena (1896/95) (Dok. A);

Premess illi dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Premess ukoll illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess ukoll illi l-kunsens tal-kontendenti kien simulat u z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Premess ukoll illi l-kunsens tal-kontendenti kien markut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Premess li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur tas-subartikoli (d), (f) u (g) ta; l-Artikolu dsatax (19) ta' l-Att dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwiegijiet ta' Malta huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv (Dok. A);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Il-konvenut ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet moghti fis-16 ta’ Marzu 2000 li permezz tieghu giet nominata Dr. Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit nominat li tinsab a fol. 43 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tal-11 ta’ Dicembru 2000;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Dan huwa kaz tipiku ta’ zwieg li ma ezista qatt fil-veru sens tad-dmirijiet u drittijiet li kuntratt tal-portata tieghu jimporta. Kien zwieg rabta coff, marbut biss fuq il-karta, affrettat u bla preparazzjoni ta’ xejn;

Din il-Qorti issa saret tista’ tghid familjari mas-sitwazzjoni fejn ikollok tnejn minn nies, wiehed jew wahda minnhom ta’ nazzjonalita` barranija fejn wara zmien qasir li jkunu ilhom jafu lil xulxin jiddecciedu, u/jew jigi “impost” fuqhom mic-cirkostanzi jew xi hadd mill-genituri, biex jizzewgu. Tali huma d-decizjonijiet ta’ din il-Qorti lkoll decizi fid-9 ta’ Dicembru 2002 fil-kawzi fl-ismijiet “**Pierina Micallef –vs- Amor Bentanfous**”, “**Stephen Sciberras –vs- Avv. F. Depasquale et noe**”, u “**Renald Mallia –vs- Achia Mallia**”;

Il-kontendenti f’dan il-kaz saru jafu lil xulxin meta kienu ghadhom studenti isegwu kors ta’ studju gewwa Bari, l-Italja. Il-konvenut huwa ta’ nazzjonalita` Lebaniza. Meta il-kors wasal fit-tmiem tieghu, bla pjanijiet ta’ xejn, huma iddecidew li jkun opportun jekk din ir-relazzjoni taghhom tigi persegwita. Huma ghalhekk gew lura flimkien Malta f’Lulju tas-sena 1995. Billi l-konvenut ma setax isib impjieg u billi lanqas ma kellhom mezzi sufficjenti biex joqghodu jzuru lil xulxin wara li l-konvenut irritorna pajjizu, missier l-attrici ssuggerilhom iz-zwieg. Huma fil-fatt

izzewgu aktar tard matul dik l-istess sena u precizament fit-22 ta’ Novembru 1995 (fol. 5);

Siltiet mid-deposizzjonijiet ta’ l-attrici (fol. 19), tal-konvenut (fol. 16) u ta’ Francis Mercieca missier l-attrici (fol. 17) ghandhom jibbastaw ghal konvinciment illi dan iz-zwieg kien nieqes mill-elementi bazici u essenzjali tieghu, senjatament biex juru li l-kunsens taghhom ghall-istess zwieg kien koncepit biss esterjorment, skarn minn kull sustanza gewwinija u genwina;

I. “*The civil wedding was only a means to permit Emil to remain in Malta and work freely.*” “*He didn’t consider himself bound by a civil marriage*” – l-attrici (fol. 19 – 23);

II. “*I emphasised from the begining that this was going to be a marriage of convenience, just to enable Emil to stay in Malta*” – Francis Mercieca, missier l-attrici (fol. 17);

III. “*I was interested in Vanessa although not to the extent of marriage at the time”;*
*“I was not interesed in a permanent union”;*
*“Neither Vanessa nor myself were prepared for marriage”;*
*“I lived a bachelor’s life and did not consider myself bound to be faithful to Vannessa”* – il-konvenut (fol. 16);

Minn dawn l-estratti mix-xhieda ghandu jkun lampantement ovvju illi dan iz-zwieg:-

(a) kien nieqes ghall-ahhar minn preparazzjoni serja;

(b) kien mahsub biss biex il-konvenut jottjeni “work permit”;

(c) kien nieqes minn interessament f’xulxin jew f’hajja matrimonjali komuni flimkien. Difatti l-attrici

issoktat, anke wara z-zwieg, tkompli tghix f'dar il-genituri taghha waqt li l-konvenut kellu sistemazzjoni separata;

(d) kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali;

(e) ma kienx att liberu u volut minnhom, izda pjuttost att indott minn missier l-attrici;

(f) kien, ghallanqas fir-rigward tal-kunsens moghti mill-konvenut, jeskludi pozittivament iz-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tieghu;

Fic-cirkostanzi tal-fattizzi tal-kaz il-Qorti ma ssibx raguni l-ghala ma ghandiex takkolji d-domandi attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat bir-rit civili fit-22 ta' Novembru 1995 bhala null u bla effett;

Tordna ghalhekk li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ugwalment sopportati bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------